MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru. 146/2014

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dorita Spiteri ta’ 25 sena’ bint Vincent u Margaret nee` Agius imwieleda Pieta’ fi 8 ta’ April 1989 u toqghod Kim Flats Numru 6 Triq il-Misk Fgura detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-nurmu 174689M.

Talli;

1. Fil-lejl ta’ bejn il-5 ta’ Frar 2014 u s-6 ta’ Frar 2014 gewwa l-Fgura, Hal-Tarxien, Rahal Gdid u/jew f’postijiet ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnhom, anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispoizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda;

2. Fi Triq Sammut Hal-Tarxien ikkommettiet serq ta’ stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registazzjoni EAC848 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta’ €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta’ Pawlu Mallia minn Hal-Tarxien u/jew persuna/I  u/jew entita jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassret u/jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli , u cioe` hsara fuq vettura ghamla Ford Escort  bin-numru tar-registrazzjoni EAC848 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta’ Pawlu Mallia minn Hal-Tarxien u/jew persuna/I u/jew entita jew entitajiet ohra;

4. U aktar talli gewwa Triq Sammat Hal-Tarxien ikkomettiet serq ta’ subwoovers, stereo u/jew oggetti ohra minn vettura ta’ l-ghamla Toyota Corsa numru tar-registrazzjoni GUN020 liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza(numerika), bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta’

€2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Brian Grech minn Haz-Zabbar u/jew persuna/I u/jew entitajiet ohra;

5. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassret u/jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fuq vettura ghamla Toyota Corsa bin-numru tar-registazzjoni GUN020 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Brian Grech minn Haz-Zabbar u/jew persuna/I u/jew entita jew entitajiet ohra;

6. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Guze' D'Amato Rahal Gdid bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq minn gewwa vettura tal-ghamla ISUZU ELF numru tar-registrazzjoni IBL541 write dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' taghha, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza(numerika), bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta ` €2,329.37 bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u kien ikun ghad detriment ta' Adrian Schembri minn Rahal Gdid u/jew persuna/I u/jew entita jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassret u/jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe`

hsara fuq vettura tal-ghamla ISUZU ELF numru tar-registrazzjoni IBL541 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Adrian Schembri minn Rahal Gdid u/jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Vjal Kottoner Fgura bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq minn gewwa vettura tal-ghamla BMW numru tar-registrazzjoni MNQ105 wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza(numerika), bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u kien ikun ghad detriment ta' Larkin Paul Bonnici mill-Fgura u/jew persuna/I u /jew entita jew entitajiet ohra;

9. U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassret u/jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara fuq bettura tal-ghamla BMW numru tar-registrazzjoni MNQ1051 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 u teccedi 1164.69ewro ghad-dannu ta' Larkin Paul Bonnici mill-Fgura u/jew persuna/I u/jew entita jew entitajiet ohra;

10. U aktar talli fl-istess lejl gewwa Triq Guze' D'Amato Rahal; Gdid bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq minn l-Iskola Primarja Guze' D'Amato wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt

ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghha, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifkat bil-vjolenza(numerika), bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u kien ikun ghad detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuna/I u/jew entita jew entitajiet ohra;

11. U aktar talli fl-istess cirkustazni xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehdua b`qerq, jew akkwistati b`reat jew, xjentement, b'kull mod indahhlet biex tbieghhom jew tmexxihom;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262(b), 263, 267, 270, 271(g), 279(a), 41, 334 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti m’ghandiex ghazla hlief li issib lill-istess imputata Dorita Spiteri hatja skond l-akkuzi dettota kontra taghha u ghal daqstant qieghda tordna li titqieghed taht ordni ta’ ‘probation’ ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin, ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------